# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 593/2007

## tal-31 ta' Mejju 2007

## dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002, dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53 (1) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tat-Tmexxija ta' l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 488/2005 tal-21 ta' Marzu 2005 ([2]), stabbilixxa d-drittijiet u l-ħlasijiet li għandhom jiġu imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija").

(2) Id-dħul ta' l-Aġenzija jikkonsisti f'kontribuzzjoni mill-Komunità u minn kull pajjiż terz Ewropew li jkun daħal biex jifforma parti mill-ftehim imsemmi fl-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2000, dwar id-drittijiet imħallsa minn applikanti għal ċertifikati u approvazzjonijiet maħruġin, u ħlasijiet għal pubblikazzjonijiet, it-trattament ta' appelli, taħriġ u kull servizz ieħor mogħti mill-Aġenzija.

(3) Id-dħul u l-infiq ta' l-Aġenzija għandhom jaqblu.

(4) Drittijiet u ħlasijiet imsemmija f'dan ir-Regolament għandhom jintalbu u jiġu imposti mill-Aġenzija biss u f' EUR. Huma għandhom ikunu stabbiliti b'mod trasparenti, ġust u uniformi.

(5) Id-drittijiet imposti mill-Aġenzija m'għandhomx jipperikolaw il-kompetittività ta' l-industrija Ewropej ikkonċernati. Barra minn hekk, għandhom jiġu stabbiliti fuq bażi li tikkunsidra kif xieraq il-kapaċità ta' impriżi żgħar li jħallsu.

(6) Waqt li s-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili għandha tiġi l-ewwel u qabel kollox, l-Aġenzija għandha, madankollu, tqis sewwa l-effiċjenza fl-infiq meta tkun qed twettaq il-ħidmiet li jaqgħu taħtha.

(7) Il-post ġeografiku ta' l-impriżi fit-territorji ta' l-Istati Membri m'għandux ikun fattur diskriminatorju. Għaldaqstant, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' ċertifikazzjoni magħmul f'isem dawn l-impriżi għandhom jinġabru u jinqasmu bejn l-applikanti.

(8) L-applikant għandu jkun informat, sa kemm huwa possibbli, bl-ammont previst li jkollu jħallas għas-servizz li jkun se jingħata u bil-mod li bih għandu jsir il-ħlas qabel ma jibda jingħata s-servizz. Il-kriterji biex jiġi stabbilit l-ammont li jkollu jitħallas għandhom ikunu ċari, uniformi u pubbliċi. Fejn huwa impossibbli li l-ammont ikun stabbilit minn qabel, l-applikant għandu jkun mgħarraf b'dan qabel ma jibda jingħata s-servizz. F'każ bħal dan għandu jkun hemm qbil, qabel ma jingħata s-servizz, fuq regoli ċari dwar kif għandu jkun stmat l-ammont li jkollu jitħallas waqt li jkun qed jingħata s-servizz.

(9) L-industrija għandha tgawdi minn viżibilità finanzjarja tajba u tkun tista' tantiċipa l-ispiża tad-drittijiet li jkun jeħtiġilha tħallas. Fl-istess waqt, jeħtieġ li jkun assigurat bilanċ bejn l-infiq ġenerali ta' l-Aġenzija meta din tagħmel xogħol ta' ċertifikazzjoni u d-dħul ġenerali mid-drittijiet li timponi. Għandu, għaldaqstant, ikun possibbli li l-livelli tad-drittijiet ikunu riveduti kull sena abbażi tar-riżultati u t-tbassir finanzjarju ta' l-Aġenzija.

(10) Partijiet interessati għandhom jiġu kkonsultati qabel kull tibdil fid-drittijiet. Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tagħti regolarment lill-partijiet interessati t-tagħrif dwar kif u fuq liema bażi jiġu kkalkolati d-drittijiet. Dan it-tagħrif għandu jagħti lill-partijiet interessati idea ta' l-ispejjeż li tiltaqa' magħhom l-Aġenzija u l-produttività tagħha.

(11) It-tariffi stabbiliti b'dan ir-Regolament għandhom ikunu bbażati fuq it-tbassir ta' l-Aġenzija fuq l-ammont ta' xogħol tagħha u spejjeż relattivi.

([1]) ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1701/2003 (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 5).
([2]) ĠU L 81, 30.3.2005, p. 7. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 779/2006 (ĠU L 137, 25.5.2006, p. 3).

(12) Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut fi żmien ħames snin minn meta jidħol fis-seħħ.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 488/2005 għandu jkun revokat.

(14) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 54 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament għandu japplika għad-drittijiet u l-ħlasijiet miġburin mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni, 'il quddiem "l-Aġenzija", biex jagħmlu tajjeb għas-servizzi li tipprovdi, inkluża l-provvista ta' oġġetti.

Huwa jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-affarijiet li għalihom huma dovuti d-drittijiet u l-ħlasijiet imsemmija fl-Artikolu 48 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, l-ammont ta' dawk id-drittijiet u l-ħlasijiet u mod ta' kif għandu jsir il-ħlas.

*Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

(a) "drittijiet" tfisser l-ammonti miġburin mill-Aġenzija u li applikanti jħallsu biex jiksbu, iżommu jew jemendaw iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 li jinħarġu, jinżammu jew jiġu emendati mill-Aġenzija;

(b) "ħlasijiet" tfisser l-ammonti imposti mill-Aġenzija u li applikanti jħallsu għal servizzi, ħlief għal xogħol ta' ċertifikazzjoni, mogħtija mill-Aġenzija;

(c) "xogħol ta' ċertifikazzjoni" tfisser l-attivitajiet kollha mwettqa mill-Aġenzija direttament jew indirettament bl-iskop li jinħarġu, jinżammu jew ikunu emendati ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002;

(d) "applikant" tfisser kull persuna naturali jew ġuridika li titlob li tibbenefika minn servizz mogħti mill-Aġenzija, li jinkludi l-ħruġ, iż-żamma jew l-emenda ta' ċertifikat;

(e) "spejjeż ta' vjaġġar" tfisser spejjeż ta' trasport, spejjeż għal akkomodazzjoni u ikel, spejjeż inċidentali u *allowances* ta' vjaġġar imħallsin lil persunal għal xogħol ta' ċertifikazzjoni;

(f) "spiża reali" tfisser in-nefqa attwali ta' l-Aġenzija.

KAPITOLU II

**DRITTIJIET**

*Artikolu 3*

1. Il-drittijiet għandhom jassiguraw dħul totali li jkun biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha li jsiru għal xogħol ta' ċertifikazzjoni, inklużi spejjeż ta' sorveljanza kontinwa.

2. L-Aġenzija għandha tiddistingwi minn fost id-dħul u l-infiq tagħha dawk li jkunu attribwibbli għal xogħol ta' ċertifikazzjoni. Għal dan l-iskop:

(a) id-drittijiet miġburin mill-Aġenzija għandhom jinżammu f'kont separat u għandhom ikunu s-suġġett ta' proċedura separata ta' kontabilità;

(b) l-Aġenzija għandha tagħmel kontijiet analitiċi tad-dħul u l-infiq tagħha.

3. Id-drittijiet għandhom ikunu s-suġġett ta' stima ġenerali provviżorja fil-bidu ta' kull sena finanzjarja. Din l-istima għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati finanzjarji preċedenti ta' l-Aġenzija, l-istima tagħha ta' nfiq u dħul u l-pjan tagħha ta' ħidma għal quddiem.

Jekk fi tmiem sena finanzjarja d-dħul ġenerali mid-drittijiet, li jikkostitwixxu dħul assenjat skond l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, ikun aktar mill-ispiża ġenerali għal xogħol ta' ċertifikazzjoni, iż-żejjed għandu jintuża biex jiffinanzja xogħol ta' ċertifikazzjoni skond ir-regolament Finanzjarju ta' l-Aġenzija.

*Artikolu 4*

Id-dritt li għandu jitħallas mill-applikant għal xogħol ta' ċertifikazzjoni partikulari għandu jikkonsisti:

(a) f'ammont wieħed varjabbli skond ix-xogħol involut li jirrifletti l-ispiża magħmula mill-Aġenzija biex twettaq dak ix-xogħol. L-ammonti differenti ta' dritt uniformi huma stabbiliti fit-Taqsimiet I u III ta' l-Anness; jew,

(b) ammont varjabbli proporzjonat mal-kwantità tax-xogħol involut, muri f'għadd ta' sigħat immultiplikati bid-dritt għal kull siegħa. Id-dritt għal kull siegħa għandu jirrifletti l-ispejjeż kollha li jirriżultaw minn xogħol ta' ċertifikazzjoni. Ix-xogħol ta' ċertifikazzjoni li jitħallas abbażi ta' kull siegħa, kif ukoll id-dritt applikabbli għal kull siegħa, huma speċifikati fit-Taqsima II ta' l-Anness.

*Artikolu 5*

1. L-ammonti stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ppubblikati fil-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-Aġenzija.

2. Dawn l-ammonti għandhom jiġu indiċjati kull sena marrata ta' inflazzjoni stabbilita fit-Taqsima V ta' l-Anness.

3. L-Anness għandu jkun rivedut kull sena jekk dan ikun meħtieġ.

4. L-Aġenzija għandha tibgħat kull sena lill-Kummissjoni, lill-Bord tat-Tmexxija u lill-korp konsultattiv ta' partijiet interessati stabbilit skond l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, tagħrif dwar il-komponenti li jservu bħala bażi biex jiġi stabbilit il-livell tad-drittijiet. Dan it-tagħrif għandu jikkonsisti b'mod partikulari f'analiżi dettaljata ta' l-ispejjeż relattivi għas-snin ta' qabel u ta' dawk li jmiss. L-Aġenzija għandha wkoll tagħti lill-Kummissjoni, lill-Bord tat-Tmexxija u lill-korp konsultattiv ta' partijiet interessati, darbtejn fis-sena, it-tagħrif dwar il-prestazzjoni li tidher fit-Taqsima VI ta' l-Anness u bl-indikaturi ta' prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.

5. Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament l-Aġenzija għandha, wara li tikkonsulta mal-korp konsultattiv ta' partijiet interessati, tadotta sett ta' indikaturi ta' prestazzjoni billi tqis partikularment it-tagħrif elenkat fit-Taqsima VI ta' l-Anness.

6. L-Aġenzija għandha tikkonsulta mal-korp konsultattiv ta' partijiet interessati qabel ma tagħti opinjoni dwar kull bidla fid-drittijiet. Waqt konsultazzjoni bħal din, l-Aġenzija għandha tfisser ir-raġunijiet għal kull proposta għal modifika fil-livell ta' drittijiet.

*Artikolu 6*

Bla ħsara għall-Artikolu 4, meta jsir xogħol ta' ċertifikazzjoni, kollu jew parti minnu, lil hinn mit-territorji ta' l-Istati Membri, il-fattura tad-dritt dovut mill-applikant għandha tinkludi l-ispejjeż korrispondenti ta' vjaġġar 'il hinn minn dawk it-territorji, skond il-formola:

$$\mathbf{d = f + v}$$

fejn:

d = id-dritt dovut

f = id-dritt li jikkorrispondi max-xogħol li jkun sar, kif hemm stabbilit fl-Anness

v = spejjeż addizzjonali ta' vjaġġar, skond in-nefqa attwali

L-ispejjeż addizzjonali ta' vjaġġar skond il-fattura mibgħuta lill-applikant għandhom jinkludu l-ħin li esperti jieħdu f'mezzi ta' trasport 'il hinn mit-territorji ta' l-Istati Membri. L-għadd rilevanti ta' sigħat għandu jidher fil-fattura skond id-dritt għal kull siegħa.

*Artikolu 7*

Fuq talba ta' l-applikant u bil-kunsens tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-Aġenzija, xogħol ta' ċertifikazzjoni jista', f'każijiet eċċezzjonali, jsir kif se jingħad:

(a) billi għax-xogħol ikunu assenjati kategoriji ta' persunal li normalment l-Aġenzija ma kinitx tassenja skond il-proċeduri standard tagħha, u/jew

(b) billi jkunu assenjati dawk ir-riżorsi umani biex ix-xogħol isir aktar malajr milli skond il-proċeduri standard ta' l-Aġenzija.

F'każ bħal dan, għandha tiġi applikata żieda eċċezzjonali mad-dritt impost biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha ta' l-Aġenzija biex hija tissodisfa din it-talba speċjali.

*Artikolu 8*

1. Id-dritt għandu jitħallas mill-applikant. Dan għandu jitħallas f'EUR. L-applikant għandu jassigura li l-Aġenzija titħallas l-ammont kollu dovut. Drittijiet bankarji li jista' jkun hemm relattivi għall-ħlas tad-dritt għandhom jitħallsu mill-applikant.

2. Il-ħruġ, iż-żamma u/jew l-emenda ta' ċertifikat għandhom ikunu suġġetti għal ħlas minn qabel ta' l-ammont kollu tad-dritt dovut, sakemm ma jkunx ġie miftiehem xort'oħra bejn l-Aġenzija u l-applikant. Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-Aġenzija tista' tirrevoka ċ-ċertifikat rilevanti wara li tkun tat twissija formali lill-applikant.

3. Ammonti ta' inqas minn jew ugwali għal 1 000 EUR għandhom jitħallsu f'daqqa meta timtela l-applikazzjoni.

4. L-iskala ta' drittijiet applikata mill-Aġenzija u l-kondizzjonijiet ta' ħlas għandhom jiġu kkomunikati lill-applikanti meta jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom.

5. Għax-xogħol kollu ta' ċertifikazzjoni li jkun jeħtieġlu l-ħlas ta' dritt ikkalkolat bis-siegħa, l-Aġenzija tista', meta tintalab, tagħti stima lill-applikant. L-istima għandha tiġi emendata mill-Aġenzija f'każ li jkun jidher li x-xogħol ikun eħfef jew jista' jsir aktar malajr milli kien jidher fil-bidu, jew, bil-kontra, jekk jirriżulta aktar kumpless u jieħu aktar fit-tul biex isir milli l-Aġenzija setgħet bassret.

6. Fejn, wara l-ewwel eżami, l-Aġenzija tiddeċiedi li ma taċċettax applikazzjoni, kull dritt li jkun diġà tħallas għandu jintradd lill-applikant, ħlief għal ammont biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż amministrattivi għat-trattament ta' l-applikazzjoni. Dak l-ammont għandu jkun ekwivalenti għad-doppju tad-dritt għal kull siegħa, kif stabbilit fit-Taqsima II ta' l-Anness.

7. Fejn xogħol ta' ċertifikazzjoni jkollu jiġi interrott mill-Aġenzija minħabba li l-applikant ma jkollux mezzi biżżejjed jew ma jkunx konformi mal-ħtiġijiet applikabbli, jew minħabba li l-applikant jiddeċiedi li jabbanduna l-applikazzjoni tiegħu jew jipposponi x-xogħol tiegħu, il-bilanċ ta' kull dritt dovut, ikkalkolat bis-siegħa, iżda li ma jkunx aktar minn dritt uniformi applikabbli, għandu jitħallas kollu meta l-Aġenzija tieqaf mix-xogħol. L-għadd rilevanti ta' sigħat għandu jidher fil-fattura skond id-dritt għal kull siegħa, kif stabbilit fit-Taqsima II ta' l-Anness. Meta, fuq talba ta' l-applikant, l-Aġenzija terġa' tibda taħdem fuq xogħol ta' ċertifikazzjoni li jkun ġie interrott, il-ħlas għal dan ix-xogħol ikun daqs dak ta' wieħed ġdid.

*Artikolu 9*

Id-drittijiet għandhom jintalbu u jinġabru biss mill-Aġenzija.

Stati Membri m'għandhomx jiġbru drittijiet għal xogħol ta' ċertifikazzjoni, anki jekk huma jagħmlu dak ix-xogħol f'isem l-Aġenzija.

L-Aġenzija għandha tirrimborsa lill-Istati Membri għal xogħol ta' ċertifikazzjoni li jagħmlu f'isimha.

KAPITOLU III

**ĦLASIJIET**

*Artikolu 10*

1. Il-ħlasijiet għandhom jinġabru mill-Aġenzija għas-servizzi kollha, inkluża l-provvista ta' oġġetti, ħlief għal dawk imsemmija fl-Artikolu 3.

Iżda dawn li ġejjin għandhom ikunu mingħajr ħlas:

(a) it-trasmissjoni ta' dokumenti u tagħrif, f'kull għamla, skond ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(b) id-dokumenti disponibbli mingħajr ħlas mill-websajt ta' l-Aġenzija.

2. Ħlasijiet għandhom ukoll jinġabru mill-Aġenzija meta jkun ippreżentat appell kontra deċiżjoni tagħha, skond l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002.

*Artikolu 11*

L-ammont ta' ħlasijiet miġbur mill-Aġenzija għandu jkun ugwali għan-nefqa attwali tas-servizz mogħti, inkluża l-ispiża biex is-servizz ikun disponibbli għall-applikant. Għal dak il-għan, iż-żmien li l-Aġenzija tieħu biex tagħti s-servizz għandu jitniżżel fil-fattura skond id-dritt għal kull siegħa, kif imsemmi fit-Taqsima II ta' l-Anness.

Il-ħlasijiet li jkollhom isiru meta jiġi ppreżentat appell skond l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002, għandhom ikunu f'għamla ta' somma b'rata fissa, kif speċifikat fit-Taqsima IV ta' l-Anness. Fejn l-appell jinqata' favur il-persuna li tkun ippreżentatu, is-somma ta' rata fissa għandha tintradd awtomatikament mill-Aġenzija lil dik il-persuna.

L-ammont tal-ħlasijiet għandu jiġi kkomunikat lill-applikant qabel ma jingħata s-servizz, flimkien mal-kondizzjonijiet għall-ħlas tiegħu.

*Artikolu 12*

Il-ħlasijiet għandhom isiru mill-applikant, jew fil-każ ta' appell, mill-persuna naturali jew ġuridika li tkun ippreżentat l-appell.

Huma għandhom jitħallsu f'EUR.

L-applikant għandu jassigura li l-Aġenzija titħallas l-ammont sħiħ dovut. Drittijiet bankarji li jista' jkun hemm u li jkunu relattivi għall-ħlas għandhom jitħallsu mill-applikant.

Sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra bejn l-Aġenzija u l-applikant jew il-persuna naturali jew ġuridika appellanti, il-ħlasijiet għandhom jinġabru qabel ma jingħata s-servizz jew, skond il-każ, qabel ma tibda l-proċedura ta' l-appell.

Ammonti ta' inqas minn jew ugwali għal 1 000 EUR għandhom jitħallsu f'daqqa fid-data li fiha timtela' l-applikazzjoni, jew li fiha jkun ippreżentat l-appell, fi ħlas wieħed.

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*Artikolu 13*

Ir-Regolament (KE) Nru 488/2005 huwa revokat.

*Artikolu 14*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2007. Huwa għandu japplika suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) Id-drittijiet li jidhru fit-tabelli 1 sa 5 tat-Taqsima I ta' dak l-Anness għandhom japplikaw għal kull ċertifikat maħruġ wara l-1 ta' Ġunju 2007.

(b) Id-drittijiet li jidhru fit-Tabella 6 tat-Taqsima I ta' l-Anness għandhom japplikaw għad-drittijiet annwali miġbura wara l-1 ta' Ġunju 2007.

(c) Għal applikanti li kienu mitlubin iħallsu d-dritt ta' sorveljanza msemmi fil-punt (vi) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005 qabel l-1 ta' Ġunju 2007, id-drittijiet li jidhru fit-Tabella 7 tat-Taqsima I ta' l-Anness għandhom japplikaw ma' l-ewwel ħlas akkont annwali dovut fl-aħħar tal-perjodu ta' tliet (3) snin imsemmi fil-punt (vi) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005.

(d) Għal applikanti li kienu mitlubin iħallsu d-drittijiet ta' sorveljanza msemmija fil-punti (viii), (x), (xiii) jew (xi) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005 qabel l-1 ta' Ġunju 2007, id-drittijiet ta' sorveljanza li jidhru fit-Tabelli 8, 9 u 10 tat-Taqsima I, u fil-paragrafu 2 tat-Taqsima III, ta' l-Anness ta' dan ir-Regolament, rispettivament, għandhom japplikaw ma' l-ewwel ħlas akkont annwali dovut fl-aħħar tat-tmiem tal-perjodi ta' sentejn (2) imsemmijin fil-punti (viii), (x) u (xiii) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 488/2005.

2. Bla ħsara għall-Artikolu 13, ir-Regolament (KE) Nru 488/2005 għandu jibqa' japplika għal kull dritt u ħlas li jmorru lil hinn mill-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skond il-paragrafu 1.

3. Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut fi żmien ħames snin mid-dħul tiegħu fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques BARROT

*Viċi President*

*ANNESS*

**Kontenut**

Taqsima I: Xogħol bi ħlas ta' dritt uniformi

Taqsima II: Xogħol bi ħlas bis-siegħa

Taqsima III: Drittijiet għal xogħol ieħor ta' ċertifikazzjoni

Taqsima IV: Ħlasijiet għal appelli

Taqsima V: Rata annwali ta' inflazzjoni

Taqsima VI: Tagħrif dwar prestazzjoni

**Nota ta' spjegazzjoni**

(1) Drittijiet u ħlasijiet huma denominati f'ewro.

(2) Drittijiet relattivi għal prodotti msemmija fit-Tabelli 1 sa 4 tat-Taqsima I huma imposti għal kull operazzjoni u għal kull peijodu ta' 12-il xahar. Wara l-ewwel peijodu ta' 12-il xahar, jekk ikun il-każ, dawn id-drittijiet jiġu determinati *pro rata temporis* (parti waħda (1) minn kull 365 parti tad-dritt annwali rilevanti kull jum wara l-ewwel peijodu ta' 12-il xahar). Id-drittijiet imsemmijin fit-Tabella 5 huma imposti għal kull operazzjoni. Id-drittijiet imsemmijin fit-Tabella 6 huma imposti għal kull peijodu ta' 12-il xahar.

(3) Dwar drittijiet relattivi għal organizzazzjonijiet imsemmijin fit-Tabelli 7 sa 10 tat-Taqsima I, drittijiet ta' approvazzjoni huma imposti darba u drittijiet ta' sorveljanza huma imposti kull 12-il xahar.

(4) Xogħol bi ħlas bis-siegħa kif imsemmi fit-Taqsima II jintlaqat mid-dritt applikabbli għal kull siegħa, kif speċifikat f'din it-Taqsima, immultiplikat bin-numru attwali ta' sigħat ta' xogħol li tkun għamlet l-Aġenzija, jew bl-għadd ta' sigħat stabbilit f'din it-Taqsima.

(5) Speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni (CS) imsemmijin f'dan l-Anness huma dawk adottati skond l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u ppubblikati fil-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-Aġenzija skond id-Deċiżjoni ta' l-EASA 2003/8 tat-30 ta' Ottubru 2003 (www.easa.europa.eu).

(6) "Ajruplani kbar bi ġwienaħ li jduru" (*Large rotorcraft*) tirreferi għal "CS 29" u "CS 27 cat A"; "Ajruplani żgħar bi ġwienaħ li jduru" (*Small rotorcraft*) tirreferi għal "CS 27 b"Piż Massimu mat-Tluq (MTOW) taħt it-3 175 Kg u limitat għal 4 sedili, li jinkludu dak tal-pilota, u għal "CS VLR"; "Ajruplani medji bi ġwienaħ li jduru (*Medium rotorcraft*)" tirreferi għal "CS 27" oħra.

(7) "Derivattiv" tfisser mudell ġdid miżjud ma' Ċertifikat tat-Tip eżistenti.

(8) Fit-Tabelli 1, 2 u 6 tat-Taqsima I, il-valuri tal-"partijiet" jirreferu għall-prezzijiet rilevanti fil-lista tal-manifattur.

(9) Fit-Tabelli 3 u 4 tat-Taqsima I, "Sempliċi", "Standard" u "Kumplessi" jirreferu għal li ġej:

| | Sempliċi | Standard | Kumplessi |
|---|---|---|---|
| Ċertifikat tat-Tip Supplimentari (STC) ta' l-EASA<br>Bidliet maġġuri fid-disinn ta' l-EASA<br>Tiswijiet maġġuri ta' l-EASA | STC, bidliet maġġuri fid-disinn, jew tiswijiet, li jinvolvu biss metodi ta' ġustifikazzjoni kurrenti u ppruvati tajjeb, li għalihom jista' jiġi kkomunikat waqt l-applikazzjoni sett komplet ta' data (deskrizzjoni, lista ta' kontroll ta' konformità u dokumenti ta' konformità), u li għalihom l-applikant wera li għandu esperjenza, u li jistgħu jiġu evalwati mill-kontrollur waħdu taċ-ċertifikazzjoni tal-proġett, jew b'involviment limitat ta' speċjalista tad-dixxiplina wieħed | STC oħra kollha, bidliet maġġuri fid-disinn jew tiswijiet. | STC sinifikattiv (*) jew bidla maġġuri fid-disinn |
| STC validat mill-Amministrazzjoni Federali ta' l-Avjazzjoni (FAA) ta' l-Istati Uniti | Bażiku (**) | Mhux bażiku | Mhux bażiku sinifikattiv |
| Bidla maġġuri fid-disinn validat mill-FAA | Bidliet maġġuri fid-disinn tal-Livell 2 (**) meta mhux aċċettati awtomatikament (***) | Livell 1 (**) | Livell 1 sinifikattiv |
| Tiswija maġġuri validata mill-FAA | Mhux applikabbli (aċċettazzjoni awtomatika) | Tiswijiet fuq komponent kritiku (**) | Mhux applikabbli |

(*) "Sinifikattiv" hija definita fil-paragrafu 21A.101 (b) ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 (u bl-istess mod fil-FAA 21.101 (b)).

(**) "Bażiku", "livell 1", "livell 2" u "komponent kritiku" huma definiti fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika għal ċertifikazzjoni tal-kondizzjoni tajba għat-titjir u ċertifikazzjoni ambjentali (TIP) lill-abbozz tal-ftehim bilaterali dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika (UE/US).

(***) Kriterji ta' aċċettazzjoni awtomatika mill-EASA għal bidliet maġġuri tal-livell 2 tal-FAA huma definiti fid-Deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv ta' l-EASA 2004/04/CF, jew fil-proċeduri ta' implimentazzjoni teknika għal ċertifikazzjoni tal-kondizzjoni tajba għat-titjir u ċertifikazzjoni ambjentali (TIP) lill-abbozz tal-ftehim bilaterali dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni ta' l-UE/US, skond il-każ.

(10) Fit-Tabella 7 tat-Taqsima I, Organizzazzjonijiet tad-Disinn huma kkategorizzati kif ġej:

| L-Iskop tal-Ftehim dwar l-Organizzazzjoni tad-Disinn | Grupp A | Grupp B | Grupp Ċ |
|---|---|---|---|
| DOA 1<br>Detenturi ta' ċertifikati tat-tip | Kumplessi ħafna / Kbar | Kumplessi / Żgħar-Medji | Inqas kumplessi / Żgħar ħafna |
| DOA 2<br>STC / Bidliet / Tiswijiet | Mingħajr restrizzjoni | Ristretti<br>(oqsma tekniċi) | Ristretti<br>(daqs ta' l-inġenji ta' l-ajru) |
| DOA 3<br>Bidliet żgħar / Tiswijiet | | | |

(11) Fit-Tabella 8 tat-Taqsima I, il-fatturat li jkun tqies huwa l-fatturat relattiv għal attivitajiet skond l-iskop tal-ftehim.

(12) Fit-Tabelli 7, 9 u 10 tat-Taqsima I, l-għadd tal-persunal li jkun tqies huwa l-għadd tal-persunal relattiv għal attivitajiet skond l-iskop tal-ftehim.

TAQSIMA I

**Xogħol bi ħlas ta' dritt uniformi**

*Tabella 1: Ċertifikati tat-Tip u Ċertifikati tat-Tip Ristretti (imsemmijin fis-Sotto-Taqsima B u fis-Sotto-Taqsima O ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 ([1]))*

*Dritt wieħed*

| | Dritt uniformi |
|---|---|
| *Inġenji ta' l-ajru bi ġwienaħ fissi* | |
| Iktar minn 150 tunnellata | 2 600 000 |
| Iktar minn 50 tunnellata sa 150 tunnellata | 1 330 000 |
| Iktar minn 22 tunnellata sa 50 tunnellata | 1 060 000 |
| Iktar minn 5,7 tunnellati sa 50 tunnellata | 410 000 |
| Iktar minn 2 tunnellati sa 5,7 tunnellati | 227 000 |
| Sa 2 tunnellati | 12 000 |
| Ajruplani ħfief ħafna, ajruplani tal-baħar | 6 000 |
| *Ajruplani bi ġwienaħ li jduru* | |
| Kbar | 525 000 |
| Medji | 265 000 |
| Żgħar | 20 000 |
| *Oħrajn* | |
| Bżieżaq | 6 000 |
| *Propulsjoni* | |
| Iktar minn 25 KN | 365 000 |
| Sa 25 KN | 185 000 |
| Magni mingħajr turbina | 30 000 |
| Magni mingħajr turbina CS 22 H | 15 000 |
| Skrun ta' iktar minn 22 t | 10 250 |
| Skrun sa 22 t | 2 925 |
| *Partijiet* | |
| Valur 'il fuq minn 20 000 EUR | 2 000 |
| Valur bejn 2 000 and 20 000 EUR | 1 000 |
| Valur taħt 2 000 EUR | 500 |

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relattivi jiġu ċċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relattivi għad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6) kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 375/2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 3).

*Tabella 2: Derivattivi għal Ċertifikati tat-Tip jew Ċertifikati tat-Tip Ristretti*

(EUR)

| | Dritt uniformi [1] |
|---|---|
| *Inġenji ta' l-ajru bi ġwienaħ fissi* | |
| Iktar minn 150 tunnellata | 1 000 000 |
| Iktar minn 50 tunnellata sa 150 tunnellata | 500 000 |
| Iktar minn 22 tunnellata sa 50 tunnellata | 400 000 |
| Iktar minn 5,7 tunnellati sa 50 tunnellata | 160 000 |
| Iktar minn 2 tunnellati sa 5,7 tunnellati | 80 000 |
| Sa 2 tunnellati | 2 800 |
| Ajruplani ħfief ħafna, ajruplani tal-baħar | 2 400 |
| *Ajruplani bi ġwienaħ li jduru* | |
| Kbar | 200 000 |
| Medji | 100 000 |
| Żgħar | 6 000 |
| *Oħrajn* | |
| Bżieżaq | 2 400 |
| *Propulsjoni* | |
| Iktar minn 25 KN | 100 000 |
| Sa 25 KN | 50 000 |
| Magni mingħajr turbina | 10 000 |
| Magni mingħajr turbina CS 22 H | 5 000 |
| Skrun ta' iktar minn 22 t | 2 500 |
| Skrun sa 22 t | 770 |
| *Partijiet* | |
| Valur 'il fuq minn 20 000 EUR | 1 000 |
| Valur bejn 2 000 and 20 000 EUR | 600 |
| Valur taħt 2 000 EUR | 350 |

[1] Għal Derivattivi li jinkludu Bidla/Bidliet Maġġuri sinifikattiva/i, kif deskritt fis-Sotto-Taqsima D ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, u li jinvolvu bidliet fil-ġeometrija u/jew fl-impjant tal-mutur ta' inġenji ta' l-ajru, għandu japplika d-dritt rispettiv taċ-Ċertifikat tat-Tip jew taċ-Ċertifikat tat-Tip Ristrett, kif definiti fit-Tabella 1.

*Tabella 3: Ċertifikati tat-Tip Supplimentali (imsemmijin fis-Sotto-Taqsima E ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)*

*(EUR)*

| | Dritt uniformi [1] | | |
|---|---|---|---|
| | Kumplessi | Standard | Sempliċi |
| *Inġenji ta' l-ajru bi ġwienaħ fissi* | | | |
| Iktar minn 150 tunnellata | 25 000 | 6 000 | 3 000 |
| Iktar minn 50 tunnellata sa 150 tunnellata | 13 000 | 5 000 | 2 500 |
| Iktar minn 22 tunnellata sa 50 tunnellata | 8 500 | 3 750 | 1 875 |
| Iktar minn 5,7 tunnellati sa 50 tunnellata | 5 500 | 2 500 | 1 250 |
| Iktar minn 2 tunnellati sa 5,7 tunnellati | 3 800 | 1 750 | 875 |
| Sa 2 tunnellati | 1 600 | 1 000 | 500 |
| Ajruplani ħfief ħafna, ajruplani tal-baħar | 250 | 250 | 250 |
| *Ajruplani bi ġwienaħ li jduru* | | | |
| Kbar | 11 000 | 4 000 | 2 000 |
| Medji | 5 000 | 2 000 | 1 000 |
| Żgħar | 900 | 400 | 250 |
| *Oħrajn* | | | |
| Bżieżaq | 800 | 400 | 250 |
| *Propulsjoni* | | | |
| Iktar minn 25 KN | 12 000 | 5 000 | 2 500 |
| Sa 25 KN | 5 800 | 2 500 | 1 250 |
| Magni mingħajr turbina | 2 800 | 1 250 | 625 |
| Magni mingħajr turbina CS 22 H | 1 400 | 625 | 300 |
| Skrun ta' iktar minn 22 t | 2 000 | 1 000 | 500 |
| Skrun sa 22 t | 1 500 | 750 | 375 |

[1] Għal Ċertifikati tat-Tip Supplimentari li jinvolvu bidliet fil-ġeometrija u/jew fl-impjant tal-makkinarju ta' inġenji ta' l-ajru, għandu japplika d-dritt rispettiv taċ-Ċertifikat tat-Tip jew taċ-Ċertifikat tat-Tip Ristrett, kif definiti fit-Tabella 1.

*Tabella 4: Bidliet maġġuri u tiswijiet maġġuri (imsemmija fis-Sotto-Taqsimiet D u M ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)*

*(EUR)*

| | Dritt uniformi ([1]) ([2]) | | |
|---|---|---|---|
| | Kumplessi | Standard | Sempliċi |
| *Inġenji ta' l-ajru bi ġwienaħ fissi* | | | |
| Iktar minn 150 tunnellata | 20 000 | 6 000 | 3 000 |
| Iktar minn 50 tunnellata sa 150 tunnellata | 9 000 | 4 000 | 2 000 |
| Iktar minn 22 tunnellata sa 50 tunnellata | 6 500 | 3 000 | 1 500 |
| Iktar minn 5,7 tunnellati sa 50 tunnellata | 4 500 | 2 000 | 1 000 |
| Iktar minn 2 tunnellati sa 5,7 tunnellati | 3 000 | 1 400 | 700 |
| Sa 2 tunnellati | 1 100 | 500 | 250 |
| Ajruplani ħfief ħafna, ajruplani tal-baħar | 250 | 250 | 250 |
| *Ajruplani bi ġwienaħ li jduru* | | | |
| Kbar | 10 000 | 4 000 | 2 000 |
| Medji | 4 500 | 2 000 | 1 000 |
| Żgħar | 850 | 400 | 250 |
| *Oħrajn* | | | |
| Bżieżaq | 850 | 400 | 250 |
| *Propulsjoni* | | | |
| Iktar minn 25 KN | 5 000 | 2 000 | 1 000 |
| Sa 25 KN | 2 500 | 1 000 | 500 |
| Magni mingħajr turbina | 1 300 | 600 | 300 |
| Magni mingħajr turbina CS 22 H | 600 | 300 | 250 |
| Skrun ta' iktar minn 22 t | 250 | 250 | 250 |
| Skrun sa 22 t | 250 | 250 | 250 |

([1]) Għal Bidliet Maġġuri sinifikattivi, kif deskritti fis-Sotto-Taqsima D ta' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, li jinvolvu bidliet fil-ġeometrija u/jew fl-impjant tal-makkinarju ta' inġenji ta' l-ajru, għandu japplika d-dritt rispettiv taċ-Ċertifikat tat-Tip jew taċ-Ċertifikat tat-Tip Ristrett, kif definiti fit-Tabella 1.

([2]) Bidliet u tiswijiet fuq l-Unità tal-Makkinarju Awżiljari (APU) għandhom ikunu bi ħlas bħala bidliet u tiswijiet fuq magni ta' l-istess rata ta' enerġija.

*Tabella 5: Bidliet żgħar u tiswijiet żgħar (imsemmijin fis-Sotto-Taqsimiet D u M ta’ l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)*

*(EUR)*

| | Dritt uniformi ([1]) |
|---|---|
| *Inġenji ta’ l-ajru bi ġwienaħ fissi* | |
| Iktar minn 150 tunnellata | 500 |
| Iktar minn 50 tunnellata sa 150 tunnellata | 500 |
| Iktar minn 22 tunnellata sa 50 tunnellata | 500 |
| Iktar minn 5,7 tunnellati sa 50 tunnellata | 500 |
| Iktar minn 2 tunnellati sa 5,7 tunnellati | 250 |
| Sa 2 tunnellati | 250 |
| Ajruplani ħfief ħafna, ajruplani tal-baħar | 250 |
| *Ajruplani bi ġwienaħ li jduru* | |
| Kbar | 500 |
| Medji | 500 |
| Żgħar | 250 |
| *Oħrajn* | |
| Bżieżaq | 250 |
| *Propulsjoni* | |
| Iktar minn 25 KN | 500 |
| Sa 25 KN | 500 |
| Magni mingħajr turbina | 250 |
| Magni mingħajr turbina CS 22 H | 250 |
| Skrun ta’ iktar minn 22 t | 250 |
| Skrun sa 22 t | 250 |

([1]) Id-drittijiet stabbiliti f'din it-Tabella m'għandhomx japplikaw għal Bidliet u Tiswijiet żgħar magħmulin minn Organizzazzjonijiet tad-Disinn skond it-Taqsima 21A.263(ċ)(2) ta’ Sotto-Taqsima J ta’ l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.

*Tabella 6: Dritt annwali għal detenturi ta' Ċertifikati tat-Tip u Ċertifikati Tat-Tip Ristretti ta' l-EASA u Ċertifikati tat-Tip oħrajn meqjusin bħala aċċettati skond ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002*

(EUR)

| | Dritt uniformi, f'euro (1) (2) (3) | |
|---|---|---|
| | Disinn ta' l-UE | Disinn mhux ta' l-UE |
| *Inġenji ta' l-ajru bi ġwienaħ fissi* | | |
| Iktar minn 150 tunnellata | 270 000 | 90 000 |
| Iktar minn 50 tunnellata sa 150 tunnellata | 150 000 | 50 000 |
| Iktar minn 22 tunnellata sa 50 tunnellata | 80 000 | 27 000 |
| Iktar minn 5,7 tunnellati sa 50 tunnellata | 17 000 | 5 700 |
| Iktar minn 2 tunnellati sa 5,7 tunnellati | 4 000 | 1 400 |
| Sa 2 tunnellati | 2 000 | 670 |
| Ajruplani ħfief ħafna, ajruplani tal-baħar | 900 | 300 |
| *Ajruplani bi ġwienaħ li jduru* | | |
| Kbar | 65 000 | 21 700 |
| Medji | 30 000 | 10 000 |
| Żgħar | 3 000 | 1 000 |
| *Oħrajn* | | |
| Bżieżaq | 900 | 300 |
| *Propulsjoni* | | |
| Iktar minn 25 KN | 40 000 | 13 000 |
| Sa 25 KN | 6 000 | 2 000 |
| Magni mingħajr turbina | 1 000 | 350 |
| Magni mingħajr turbina CS 22 H | 500 | 250 |
| Skrun ta' iktar minn 22 t | 750 | 250 |
| Skrun sa 22 t | | |
| *Partijiet* | | |
| Valur 'il fuq minn 20 000 EUR | 2 000 | 700 |
| Valur bejn 2 000 u 20 000 EUR | 1 000 | 350 |
| Valur taħt 2 000 EUR | 500 | 250 |

(1) Għal inġenji ta' l-ajru għall-ġarr tal-merkanzija, jiġi applikat koeffiċjent ta' 0,85 lid-dritt għall-verżjoni ekwivalenti tal-passiġġieri.

(2) Għal detenturi ta' Ċertifikati tat-Tip multipli u/jew Ċertifikati tat-Tip Ristretti multipli, jiġi applikat tnaqqis tad-dritt annwali għat-tieni Ċertifikat tat-Tip u oħrajn sussegwenti, jew Ċertifikati tat-Tip Ristretti, fl-istess kategorija tal-prodott kif jidher fit-tabella li ġejja:

| Prodott f'kategorija identika | Tnaqqis applikat għal dritt uniformi |
|---|---|
| 1 | 0 % |
| 2 | 10 % |
| 3 | 20 % |
| 4 | 30 % |
| 5 | 40 % |
| 6 | 50 % |
| 7 | 60 % |
| 8 | 70 % |
| 9 | 80 % |
| 10 | 90 % |
| Il-11-il prodott u prodotti sussegwenti | 100 % |

(3) Għal inġenji ta' l-ajru li minnhom hemm inqas minn 50 eżemplari rreġistrati mad-dinja kollha, attivitajiet kontinwi fuq il-kondizzjoni tajba għat-titjir għandhom ikunu bi ħlas abbażi ta' siegħa, bid-dritt għal kull siegħa kif stabbilit fit-Taqsima II ta' l-Anness, sal-livell tad-dritt għall-kategorija tal-prodott rilevanti ta' l-inġenji ta' l-ajru. Għal prodotti, partijiet u tagħmir li mhumiex inġenji ta' l-ajru, il-limitazzjoni tikkonċerna l-għadd ta' inġenji ta' l-ajru li fuqhom ikunu installati il-prodott, il-parti jew it-tagħmir imsemmi.

*Tabella 7: L-Approvazzjoni ta’ l-Organizzazzjoni tad-Disinn (imsemmija fis-Sotto-Taqsima J ta’ l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)*

*(EUR)*

| | DOA 1A | DOA 1B<br>DOA 2A | DOA 1C<br>DOA 2B<br>DOA 3A | DOA 2C<br>DOA 3B | DOA 3C |
|---|---|---|---|---|---|
| | Dritt ta’ approvazzjoni, f’ewro | | | | |
| Relattiva għall-persunal taħt 10 | 11 250 | 9 000 | 6 750 | 4 500 | 3 600 |
| 10 sa 49 | 31 500 | 22 500 | 13 500 | 9 000 | — |
| 50 sa 399 | 90 000 | 67 500 | 45 000 | 36 000 | — |
| 400 sa 999 | 180 000 | 135 000 | 112 500 | 99 000 | — |
| 1 000 sa 2 499 | 360 000 | — | — | — | — |
| 2 500 sa 5 000 | 540 000 | — | — | — | — |
| Iktar minn 5 000 | 3 000 000 | — | — | — | — |
| | Dritt ta’ sorveljanza, f’ewro | | | | |
| Relattiva għall-persunal taħt 10 | 5 625 | 4 500 | 3 375 | 2 250 | 1 800 |
| 10 sa 49 | 15 750 | 11 250 | 6 750 | 4 500 | — |
| 50 sa 399 | 45 000 | 33 750 | 22 500 | 18 000 | — |
| 400 sa 999 | 90 000 | 67 500 | 56 250 | 49 500 | — |
| 1 000 sa 2 499 | 180 000 | — | — | — | — |
| 2 500 sa 5 000 | 270 000 | — | — | — | — |
| Iktar minn 5 000 | 1 500 000 | — | — | — | — |

*Tabella 8: L-Approvazzjoni ta’ l-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni (imsemmija fis-Sotto-Taqsima G ta’ l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003)*

*(EUR)*

| | Dritt ta’ approvazzjoni, f’ewro | Dritt ta’ sorveljanza, f’ewro |
|---|---|---|
| Fatturat taħt il-miljun ewro | 9 000 | 6 500 |
| Bejn 1 000 000 u 4 999 999 | 38 000 | 28 000 |
| Bejn 5 000 000 u 9 999 999 | 58 000 | 43 000 |
| Bejn 10 000 000 u 49 999 999 | 75 000 | 57 000 |
| Bejn 50 000 000 u 99 999 999 | 270 000 | 200 000 |
| Bejn 100 000 000 u 499 999 999 | 305 000 | 230 000 |
| Bejn 500 000 000 u 999 999 999 | 630 000 | 475 000 |
| Iktar minn 999 999 999 | 900 000 | 2 000 000 |

*Tabella 9: L-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Manutenzjoni (imsemmija fl-Anness I, Sotto-Taqsima F, u fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 (*))*

*(EUR)*

| | Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro [1] | Dritt ta' sorveljanza, f'ewro [1] |
|---|---|---|
| Relattiva għall-persunal taħt 5 | 3 000 | 2 300 |
| Bejn 5 u 9 | 5 000 | 4 000 |
| Bejn 10 u 49 | 11 000 | 8 000 |
| Bejn 50 u 99 | 22 000 | 16 000 |
| Bejn 100 u 499 | 32 000 | 23 000 |
| Bejn 500 u 999 | 43 000 | 32 000 |
| Iktar minn 999 | 53 000 | 43 000 |

[1] Id-dritt li għandu jitħallas għandu jkun magħmul minn dritt uniformi abbażi ta' l-għadd tal-persunal flimkien ma' dritt uniformi abbażi tal-klassifikazzjoni teknika.

*(EUR)*

| Klassifikazzjoni teknika | Dritt uniformi abbażi tal-klassifikazzjoni teknika, f'ewro [1] |
|---|---|
| A 1 | 11 000 |
| A 2 | 2 500 |
| A 3 | 5 000 |
| A 4 | 500 |
| B 1 | 5 000 |
| B 2 | 2 500 |
| B 3 | 500 |
| C | 500 |

[1] Għal organizzazzjonijiet li jkollhom diversi klassifikazzjonijiet A u/jew B, għandu jitħallas biss l-ogħla dritt. Għal organizzazzjonijiet bi klassifikazzjoni Ċ u/jew D waħda jew aktar, kull klassifikazzjoni għandha tkun bi ħlas tad-dritt relattiv għall-"klassifikazzjoni Ċ".

*Tabella 10: L-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni għat-Taħriġ fil-Manutenzjoni (imsemmija fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003)*

*(EUR)*

| | Dritt ta' approvazzjoni, f'ewro | Dritt ta' sorveljanza, f'ewro |
|---|---|---|
| Relattiva għalt-persunal taħt 5 | 4 000 | 3 000 |
| Bejn 5 u 9 | 7 000 | 5 000 |
| Bejn 10 u 49 | 16 000 | 14 000 |
| Bejn 50 u 99 | 35 000 | 30 000 |
| Iktar minn 99 | 42 000 | 40 000 |

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003, dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħolpersunal (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 376/2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18).

TAQSIMA II

**Xogħol bi ħlas abbażi ta' kull siegħa**

1. Dritt għal kull siegħa:

| | |
|---|---|
| Dritt applikabbli bis-siegħa | 225 EUR |

2. Bażi ta' siegħa skond ix-xogħol relattiv:

| | |
|---|---|
| Prova tal-ħila tad-disinn permezz ta' proċeduri alternattivi | Għadd attwali ta' sigħat |
| Produzzjoni mingħajr approvazzjoni | Għadd attwali ta' sigħat |
| Mezz Aċċettabbli ta' Konformità ma' kull AD | Għadd attwali ta' sigħat |
| Sostenn ta' validazzjoni (aċċettazzjoni ta' ċertifikati ta' l-EASA minn awtoritajiet barranin) | Għadd attwali ta' sigħat |
| Assistenza teknika mitluba minn awtoritajiet barranin | Għadd attwali ta' sigħat |
| Aċċettazzjoni mill-EASA ta' rapporti MRB | Għadd attwali ta' sigħat |
| Trasferiment ta' ċertifikati | Għadd attwali ta' sigħat |
| Approvazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' titjir għal Permess tat-titjir | Tliet sigħat |
| Ħruġ amministrattiv mill-ġdid ta' dokumenti | Siegħa waħda |

TAQSIMA III

**Drittijiet għal xogħol ieħor relattiv għaċ-ċertifikazzjoni**

1. L-aċċettazzjoni ta' approvazzjonijiet ekwivalenti għal approvazzjonijiet tat-"taqsima 145" u tat-"taqsima 147" skond il-ftehim bilaterali applikabbli:

| | |
|---|---|
| Approvazzjonijiet ġodda, għal kull applikazzjoni | 1 500 EUR |
| Tiġdid ta' approvazzjonijiet eżistenti, għal kull perjodu ta' 12-il xahar | 750 EUR |

2. L-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-maniġment tal-kondizzjoni tajba kontinwa għat-titjir (imsemmija fit-taqsima M, is-sotto-taqsima Ġ ta' l-anness I tar-regolament (ke) nru 2042/2003):

| | |
|---|---|
| Approvazzjonijiet ġodda, għal kull applikazzjoni | 24 000 EUR |
| Tiġdid ta' approvazzjonijiet eżistenti, għal kull perjodu ta' 12-il xahar | 18 000 EUR |

3. Reviżjonijiet u/jew emendi awtonomi għall-manwal ta' titjir ta' inġenji ta' l-ajru:

Bi ħlas daqs ta' bidla fil-prodott korrispondenti.

TAQSIMA IV

**Ħlasijiet għal appelli**

Il-ħlas tad-drittijiet għall-amministrazzjoni ta’ appelli huwa kif jingħad fl-Artrtikolu 35 tar-Regolament (KE) 1592/2002.

Il-ħlas għall-applikazzjonijiet kollha ta’ appelli huwa wieħed fiss kif jidher mit-tabella, immultiplikat bil-koeffiċjent indikat għall-kategorija li tikkorrispondi mal-ħlas għall-persuna jew l-organizzazzjoni kkonċernata.

Il-ħlas għandu jintradd f'dawk il-każijiet fejn l-appell jirriżulta f'revoka ta’ Deċiżjoni ta’ l-Aġenzija.

L-Organizzazzjonijiet jeħtiġilhom jipprovdu ċertifikat iffirmat minn uffiċjal awtorizzat ta’ l-organizzazzjoni kkonċernata biex l-Aġenzija tkun tista’ tiddetermina l-kategorija li tikkorrispondi mal-ħlas.

| | |
|---|---|
| Ħlas fiss | 10 000 EUR |

| Kategorija ta’ ħlas għal persuni naturali | Koeffiċjent ta’ dritt fiss |
|---|---|
| | 0,1 |

| Kategorija ta’ ħlas għal organizzazzjonijiet, skond il-fatturat finanzjarju ta’ l-appellant f'euro | Koeffiċjent ta’ dritt fiss |
|---|---|
| inqas minn 100 001 | 0,25 |
| bejn 100 001 u 1 200 000 | 0,5 |
| bejn 1 200 001 u 2 500 000 | 0,75 |
| bejn 2 500 001 u 5 000 000 | 1 |
| bejn 5 000 001 u 50 000 000 | 2,5 |
| bejn 50 000 001 u 500 000 000 | 5 |
| bejn 500 000 001 u 1 000 000 000 | 7,5 |
| iktar minn 1 000 000 000 | 10 |

TAQSIMA V

**Rata annwali ta’ inflazzjoni**

L-ammonti stabbiliti fit-Taqsimiet I, II u III għandhom jiġu indiċjati skond ir-rata ta’ inflazzjoni stabbilita f'din it-Taqsima. Dan l-indiċjar għandu jsir kull sena fl-anniversarju tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament.

| | |
|---|---|
| Rata annwali ta’ inflazzjoni li għandha tintuża: | EUROSTAT HICP (L-oġġetti kollha) – UE 27<br>(2005 = 100)<br>Bidla perċentwali/medja ta’ 12-il xahar |
| Il-valur tar-rata li għandha titqies: | Il-valur tar-rata fil-31 ta’ Diċembru qabel l-implimentazzjoni ta’ l-indiċjar |

TAQSIMA VI

**Tagħrif dwar il-prestazzjoni**

It-tagħrif li ġej għandu jkun relatat ma' l-aħħar perjodu ta' 6 xhur qabel ma jinħarġu mill-Aġenzija skond l-Artikolu 5.

| |
|---|
| L-għadd ta' persunal ta' l-Aġenzija li jagħmel xogħol ta' ċertifikazzjoni |
| L-għadd ta' sigħat ta' xogħol mogħti biex jinħadem mill-Amministrazzjonijiet Nazzjonali ta' l-Avjazzjoni (NAAs) |
| L-ispiża totali taċ-ċertifikazzjoni |
| L-għadd ta' ħidmiet ta' ċertifikazzjoni magħmulin (kollha jew mibdijin) mill-Aġenzija |
| L-għadd ta' ħidmiet ta' ċertifikazzjoni magħmulin (kollha jew mibdijin) f'isem l-Aġenzija |
| L-għadd ta' sigħat li l-persunal ta' l-Aġenzija ħadem f'attivitajiet għall-kondizzjoni tajba kontinwa għat-titjir |
| L-ammont totali tal-fattura mibgħuta lill-industrija |